IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.6.2016
COM(2016) 395 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima

Il-Ftehim ta' Pariġi

Il-Ftehim ta’ Pariġi

Il-Partijiet għal dan il-Ftehim,

Billi huma Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, minn hawn 'il quddiem msejħa "il-Konvenzjoni",

Skont il-Pjattaforma ta’ Durban għal Azzjoni Msaħħa stabbilita mid-Deċiżjoni 1/CP. 17 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni fis-sbatax-is sessjoni tagħha,

Fl-insegwiment tal-objettiv tal-Konvenzjoni, u ggwidata mill-prinċipji tagħha, inkluż il-prinċipju ta’ ekwità u r-responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi, fid-dawl ta’ ċirkostanzi nazzjonali differenti,

Filwaqt li jagħrfu l-ħtieġa ta’ rispons effettiv u progressiv għat-theddid urġenti tat-tibdil fil-klima fuq il-bażi tal-aħjar kompetenzi xjentifiċi disponibbli,

Filwaqt li jirrikonoxxu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi u ċ-ċirkostanzi speċjali tal-Partijiet ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, kif previst fil-Konvenzjoni,

Filwaqt li jqisu b'mod sħiħ il-ħtiġijiet speċifiċi u s-sitwazzjonijiet speċjali tal-pajjiżi l-anqas żviluppati fir-rigward tal-fondi u tat-trasferiment tat-teknoloġija,

Filwaqt li jirrikonoxxu li l-Partijiet jistgħu jiġu affettwati mhux biss minħabba t-tibdil fil-klima, iżda anki mill-impatti tal-miżuri li ttieħdu b’risposta għalih,

Filwaqt li jenfasizzaw ir-relazzjoni intrinsika li jkollhom l-azzjonijiet, ir-risponsi u l-impatti għat-tibdil fil-klima b’aċċess ugwali għall-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar,

Filwaqt li jirrikonoxxu l-prijorità fundamentali ta’ ħarsien tas-sigurtà tal-ikel u li jintemm il-ġuħ, u l-vulnerabbiltajiet partikolari ta’ sistemi ta’ produzzjoni tal-ikel għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima,

Filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet ta’ tranżizzjoni ġusta tal-forza tax-xogħol u l-ħolqien ta’ xogħol diċenti u impjiegi ta’ kwalità skont il-prijoritajiet ta’ żvilupp definiti fil-livell nazzjonali,

Filwaqt li jirrikonoxxu li t-tibdil fil-klima huwa tħassib komuni tal-bniedem, il-Partijiet, meta jieħdu azzjoni biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, għandhom iħarsu, jippromwovu u jikkunsidraw l-obbligi rispettivi tagħhom b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt għas-saħħa, id-drittijiet tal-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-migranti, it-tfal, il-persuni b’diżabbiltajiet u l-persuni f’sitwazzjonijiet vulnerabbli kif ukoll id-dritt għall-iżvilupp, kif ukoll l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġenerazzjonijiet,

Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tal-konservazzjoni u t-titjib, kif xieraq ta’ bjar u ġibjuni ta’ gassijiet b’effett ta’ serra msemmija f’din il-Konvenzjoni,

Filwaqt li jinnotaw l-importanza li tiġi żgurata l-integrità tal-ekosistemi kollha, inklużi l-oċeani, u l-protezzjoni tal-bijodiversità, rikonoxxuti minn xi kulturi bħala Dinja Ommna, u jinnotaw l-importanza għal xi parti mill-kunċett tal-“ġustizzja tal-klima”, meta jieħdu azzjoni biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima,

Filwaqt li jaffermaw l-importanza tal-edukazzjoni, it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni pubblika, il-parteċipazzjoni pubblika, l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli kollha dwar il-kwistjonijiet indirizzati f’dan il-Ftehim,

Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tal-impenji tal-livelli kollha ta’ gvern u d-diversi atturi, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rispettiva tal-Partijiet, biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima,

Filwaqt li jirrikonoxxu wkoll li stili ta' ħajja sostenibbli u mudelli sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, fejn il-Partijiet minn pajjiżi żviluppati jieħdu r-riedni, jaqdu rwol importanti fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima,

Qablu dwar dan li ġej:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni. Barra minn hekk:

(a) "Konvenzjoni" tfisser il-Qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, adottat f'New York fid-9 ta' Mejju 1992;

(b) "Konferenza tal-Partijiet" tfisser il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni;

(c) "Parti" tfisser Parti għal dan il-Ftehim.

Artikolu 2

1. Dan il-Ftehim, fit-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, inkluż l-objettiv tiegħu, għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi biex jinqered il-faqar, inkluż billi:

(a) Iż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt 2 °C aktar mil-livelli preindustrijali u l-insegwiment tal-isforzi biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura għal 1.5 °C aktar mil-livelli preindustrijali, filwaqt li jiġi rikonoxxut li dan inaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima;

(b) Tiżdied il-kapaċità ta' adattament għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u biex titrawwem ir-reżiljenza għall-klima u żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra, b'mod li ma jipperikolax il-produzzjoni tal-ikel; kif ukoll

(c) Billi l-flussi ta' finanzjament isiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll l-iżvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

2. Dan il-Ftehim sejjer jiġi implimentat biex jirrifletti l-ekwità u l-prinċipju ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u kapaċitajiet rispettivi, fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali differenti.

Artikolu 3

Bħala kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali tar-rispons globali għat-tibdil fil-klima, il-Partijiet kollha għandhom jagħmlu u jikkomunikaw sforzi ambizzjuż kif definit fl-Artikoli 4, 7, 9, 10, 11 u 13 bil-għan li jintlaħqu l-finijiet ta' dan il-Ftehim kif stabbilit fl-Artikolu 2. L-isforzi tal-Partijiet kollha sejrin jirrappreżentaw progressjoni matul iż-żmien, filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 4

1. Sabiex jiksbu l-mira ta' temperatura fit-tul stabbilita fl-Artikolu 2, il-Partijiet għandhom l-għan li jilħqu l-ogħla livell ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jirrikonoxxu li l-ilħuq tal-ogħla livell sejjer jieħu aktar żmien għall-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li jagħmlu tnaqqis rapidu minn hemm 'il quddiem skont l-aqwa xjenza disponibbli, sabiex jintlaħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti minn bjar ta' gassijiet b'effett ta' serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu, abbażi ta' ekwità, u fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli u sforzi biex jinqered il-faqar.

2. Kull Parti għandha tipprepara, tikkomunika u żżomm il-kontribuzzjonijiet suċċessivi stabbiliti fil-livell nazzjonali li beħsiebha tilħaq. Il-Partijiet għandhom isegwu miżuri ta' mitigazzjoni domestiċi, bil-għan li jinkisbu l-objettivi ta' dawn il-kontribuzzjonijiet.

3. Kull kontribuzzjoni suċċessiva stabbilita fil-livell nazzjonali ta' kull Parti sejra tirrappreżenta progress lil hinn mill-kontribuzzjoni stabbilita fil-livell nazzjonali u tirrifletti l-akbar ambizzjoni possibbli tagħha, li tirrifletti r-responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi tagħha, fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali differenti.

4. Il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi żviluppati għandhom jibqgħu jieħdu l-inizjattiva billi jimplimentaw miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet assoluti fl-ekonomija kollha. Il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom ikomplu jsaħħu l-isforzi ta' mitigazzjoni tagħhom, u huma mħeġġa sabiex matul iż-żmien jaqilbu għal miri ta' limitazzjoni jew tnaqqis fl-emissjonijiet fl-ekonomija kollha fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali differenti.

5. Għandu jingħata appoġġ lil Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, skont l-Artikoli 9, 10 u 11, filwaqt li jiġi rikonoxxut li appoġġ imsaħħaħ għal Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw sejjer jippermetti ambizzjoni akbar fl-azzjonijiet tagħhom.

6. Il-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw jistgħu jippreparaw u jikkomunikaw strateġiji, pjanijiet u azzjonijiet għall-iżvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra li jirriflettu ċ-ċirkostanzi speċjali tagħhom.

7. Il-kobenefiċċji ta' mitigazzjoni li jirriżultaw minn azzjonijiet ta' adattament u/jew il-pjanijiet ta' diversifikazzjoni ekonomika tal-Partijiet jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-riżultati skont dan l-Artikolu.

8. Meta jikkomunikaw il-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom, il-Partijiet kollha għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għaċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim skont id-Deċiżjoni 1/CP.21 u kull deċiżjoni rilevanti tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.

9. Kull Parti għandha tikkomunika kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali kull ħames snin skont id-Deċiżjoni 1/CP.21 u kull deċiżjoni rilevanti tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim u tkun informata mir-riżultati tal-bilanċ globali msemmi fl-Artikolu 14.

10. Il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim għandha tqis oqfsa ta' żmien komuni għal kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali fl-ewwel sessjoni tagħha.

11. Parti tista' f'kull ħin taġġusta l-kontribuzzjoni stabbilita fil-livell nazzjonali eżistenti tagħha bil-ħsieb li ssaħħaħ il-livell ta' ambizzjoni tagħha, skont il-linji gwida adottati mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.

12. Il-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali kkomunikati mill-Partijiet għandhom jitniżżlu f'reġistru pubbliku miżmum mis-segretarjat.

13. Il-Partijiet għandhom jieħdu kont tal-kontribuzzjonijiet tagħhom stabbiliti fil-livell nazzjonali. Fl-ikkalkular ta' emissjonijiet u assorbimenti antropoġeniċi li jikkorrispondu għall-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom, il-Partijiet għandhom jippromwovu l-integrità ambjentali, it-trasparenza, il-preċiżjoni, il-kompletezza, il-komparabbiltà u l-konsistenza, u jiżguraw li jiġi evitat l-għadd doppju, skont il-linji gwida adottati mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.

14. Fil-kuntest tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom, meta jirrikonoxxu u jimplimentaw azzjonijiet ta' mitigazzjoni fir-rigward tal-emissjonijiet u l-assorbimenti antropoġeniċi, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw, kif xieraq, il-metodi u l-gwida eżistenti skont il-Konvenzjoni, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 13 ta' dan l-Artikolu.

15. Fl-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom iqisu t-tħassib tal-Partijiet bl-ekonomiji l-aktar affettwati mill-impatti tal-miżuri ta’ rispons, b’mod partikolari l-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw.

16. Il-Partijiet, inklużi l-organizzazzjonijiet ta’ integrazzjoni ekonomika reġjonali u l-Istati Membri tagħhom, li laħqu ftehim biex jaġixxu b’mod konġunt skont il-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu għandhom jinnotifikaw lis-segretarjat bit-termini ta' dak il-ftehim, inkluż il-livell ta' emissjonijiet allokat lil kull Parti fi ħdan il-perjodu ta’ żmien rilevanti, meta jikkomunikaw il-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom. Is-segretarjat għandu min-naħa tiegħu jinforma lill-Partijiet u lil firmatarji għall-Konvenzjoni bit-termini ta' dak il-ftehim.

17. Kull Parti għal dan il-ftehim għandha tkun responsabbli mil-livell tal-emissjonijiet tagħha kif stabbilit fil-ftehim imsemmi fil-paragrafu 16 ta’ dan l-Artikolu skont il-paragrafi 13 u 14 ta’ dan l-Artikolu u fl-Artikoli 13 u 15.

18. Jekk il-Partijiet li jaġixxu b'mod konġunt jagħmlu hekk fil-qafas ta' organizzazzjoni reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika li hija fiha nnifisha Parti għal dan il-Ftehim u flimkien magħha , kull Stat Membru ta’ dik l-organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali fuq livell individwali, u flimkien mal-organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali, għandhom ikunu responsabbli mil-livell ta' emissjonijiet tagħha kif stabbilit fil-ftehim ikkomunikat skont il-paragrafu 16 ta’ dan l-Artikolu skont il-paragrafi 13 u 14 ta’ dan l-Artikolu u l-Artikoli 13 u 15.

19. Il-Partijiet kollha għandhom jagħmlu ħilithom biex ifasslu u jikkomunikaw strateġiji ta’ żvilupp fit-tul b’emissjonijiet baxxi ta’ gassijiet b’effett ta’ serra, filwaqt li jqisu l-Artikolu 2 li jieħu kont tar-responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom, fid-dawl ta’ ċirkostanzi nazzjonali differenti.

Artikolu 5

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu azzjoni biex jikkonservaw u jsaħħu, kif xieraq, il-bjar u l-ġibjuni ta' gassijiet b'effett ta' serra, kif imsemmi fl-Artikolu 4, paragrafu 1(d) tal-Konvenzjoni, inklużi l-foresti.

2. Il-Partijiet huma mħeġġa jieħdu azzjoni biex jimplimentaw u jappoġġjaw, saħansitra anke permezz ta’ pagamenti bbażati fuq ir-riżultati, il-qafas eżistenti kif stabbilit f’linji gwida u deċiżjonijiet relatati diġà maqbula skont il-Konvenzjoni għal: l-approċċi ta’ politika u l-inċentivi pożittivi għal attivitajiet relatati mat-tnaqqis ta’ emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u r-rwol tal-konservazzjoni, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u t-tisħiħ tal-ħażniet ta’ karbonju tal-foresti f’pajjiżi li qed jiżviluppaw; u approċċi ta’ politika alternattivi, bħal approċċi ta' mitigazzjoni u adattament konġuti għall-ġestjoni integrali u sostenibbli tal-foresti, filwaqt li jaffermaw mill-ġdid l-importanza li jiġu inċentivati, kif xieraq, il-benefiċċji mhux marbuta mal-karbonju assoċjati ma’ dawn l-istrateġiji.

Artikolu 6

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li xi Partijiet jagħżlu li jsegwu kooperazzjoni volontarja fl-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom biex jippermettu ambizzjoni akbar fl-azzjonijiet ta’ mitigazzjoni u adattament tagħhom u biex jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u l-integrità ambjentali.

2. Il-Partijiet, meta jimpenjaw ruħhom fuq bażi volontarja f’approċċi ta’ kooperazzjoni li jinvolvu l-użu ta’ riżultati ta’ mitigazzjoni trasferiti fil-livell internazzjonali għal kontribuzzjonijiet stabbilititi fil-livell nazzjonali, għandhom jippromwovu żvilupp sostenibbli u jiżguraw l-integrità ambjentali u t-trasparenza, inklużfil-governanza, u għandhom japplikaw kontabbiltà robusta sabiex, fost l-oħrajn, jiżguraw li jiġi evitat l-għadd doppju, b'mod konsistenti mal-gwida adottata mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.

3. L-użu ta’ riżultati ta' mitigazzjoni trasferiti fil-livell internazzjonali biex jintlaħqu l-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali skont dan il-Ftehim għandu jkun volontarju u awtorizzat mill-Partijiet parteċipanti.

4. B'dan huwa stabbilit mekkaniżmu li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra u biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp sostenibbli taħt l-awtorità u l-gwida tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim biex tintuża mill-Partijiet fuq bażi volontarja. Dan għandu jiġi sorveljat minn korp maħtur mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim, u għandu jkollu l-għan li:

(a) Jippromwovi l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra filwaqt li jitħeġġeġ żvilupp sostenibbli;

(b) Jinċentiva u jiffaċilita l-parteċipazzjoni fil-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett ta’ serra minn entitajiet pubbliċi u privati awtorizzati minn Parti;

(c) Jikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-livelli ta’ emissjonijiet fil-Parti ospitanti, li sejra tibbenefika minn attivitajiet ta’ mitigazzjoni li jirriżultaw fi tnaqqis fl-emissjonijiet li jistgħu wkoll jintużaw minn Parti oħra biex tissodisfa l-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tagħha; kif ukoll

(d) Iwassal għal mitigazzjoni ġenerali fl-emissjonijiet globali.

5. It-tnaqqis fl-emissjonijiet li jirriżulta mill-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu ma għandux jintuża biex juri l-kisba tal-kontribuzzjoni stabbilita fil-livell nazzjonali tal-Parti ospitanti jekk tintuża minn Parti oħra biex turi l-kisba tal-kontribuzzjoni stabbilita fil-livell nazzjonali tagħha.

6. Il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim għandha tassigura li parti mid-dħul tal-attivitajiet taħt il-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu tintuża biex tkopri l-ispejjeż amministrattivi kif ukoll biex tassisti lill-Partijiet ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima ħalli jkopru l-ispejjeż ta’ adattament.

7. Il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim għandha tadotta regoli, modalitajiet u proċeduri għall-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu fl-ewwel sessjoni tagħha.

8. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tad-disponibbiltà ta' approċċi integrati, olistiċi u bbilanċjati mhux tas-suq biex jassistu fl-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom, fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar, b’mod ikkoordinat u effettiv, inkluż permezz, fost l-oħrajn, tal-mitigazzjoni, l-adattament, il-finanzjament, it-trasferiment ta’ teknoloġija u l-bini tal-kapaċità, kif xieraq. Dawn l-approċċi għandhom l-għan li:

(a) Jipprowovu l-ambizzjoni ta' mitigazzjoni u adattament;

(b) Isaħħu l-parteċipazzjoni tas-settur pubbliku u privat fl-implimentazzjoni ta' kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali; kif ukoll

(c) Jagħtu lok għal koordinazzjoni bejn l-istrumenti u l-arranġamenti istituzzjonali rilevanti.

9. B'dan qiegħed jiġi ddefinit qafas għal approċċi mhux tas-suq għall-iżvilupp sostenibbli biex jiġu promossi l-approċċi mhux tas-suq imsemmija fil-paragrafu 8 ta’ dan l-Artikolu.

Artikolu 7

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu l-mira globali dwar l-adattament tat-tisħiħ tal-kapaċità ta' adattament, it-tisħiħ tar-reżiljenza u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, bil-għan

li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u jiżguraw rispons ta' adattament xieraq fil-kuntest tal-objettiv ta' temperatura msemmi fl-Artikolu 2.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-adattament huwa sfida globali li jiffaċċjaw id-dimensjonijiet lokali, subnazzjonali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali kollha, u li dan huwa komponent ewlieni tar-rispons globali għat-tibdil fil-klima u li jikkontribwixxi għalih biex jiġu protetti l-persuni, l-għajxien u l-ekosistemi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet urġenti u mmedjati ta' dawk il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima.

3. L-isforzi ta' adattament tal-Partijiet ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jiġu rikonoxxuti, skont il-modalitajiet li għandhom jiġu adottati mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim fl-ewwel sessjoni tagħha.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li din il-ħtieġa attwali għal adattament hija sinifikanti u li livelli akbar ta' mitigazzjoni jistgħu jnaqqsu l-ħtieġa għal aktar sforzi ta' adattament, u li l-ħtiġijiet ta' adattament akbar jistgħu jinvolvu aktar spejjeż ta' adattament.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu li azzjoni ta' adattament għandha ssegwi approċċ immexxi mill-pajjiżi, li jirrispondi għall-ġeneru, parteċipatorju u trasparenti għal kollox, li jqis il-gruppi, il-komunitajiet u l-ekosistemi vulnerabbli, u għandu jkun ibbażat fuq u mmexxi mill-aħjar xjenza disponibbli u, kif xieraq, il-kompetenzi tradizzjonali, l-għarfien tal-popli indiġeni s-sistemi ta' għarfien lokali, bil-għan li l-adattament jiġi integrat f'politiki u azzjonijiet soċjoekonomiċi u ambjentali rilevanti, fejn ikun xieraq.

6. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-appoġġ u l-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-isforzi ta' adattament u l-importanza li jitqiesu l-ħtiġijiet ta' Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima.

7. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom b'rabta mat-tisħiħ tal-azzjoni dwar l-adattament, filwaqt li jitqies il-Qafas tal-Adattament ta' Cancun, inkluż fir-rigward ta':

(a) Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, prassi tajba, esperjenzi u tagħlimiet meħuda, inkluż, kif xieraq, peress li dawn huma relatati max-xjenza, l-ippjanar, il-politika u l-implimentazzjoni b'rabta mal-azzjonijiet ta' adattament;

(b) It-tisħiħ tal-arranġamenti istituzzjonali, inkluż dawk skont il-Konvenzjoni li jservu dan il-Ftehim, biex tiġi appoġġjata s-sinteżi ta' informazzjoni u kompetenzi rilevanti, u l-għoti ta' appoġġ tekniku u gwida għall-Partijiet;

(c) It-tisħiħ tal-għarfien xjentifiku dwar il-klima, inkluż ir-riċerka, l-osservazzjoni sistematika tas-sistema tal-klima u sistemi ta' twissija bikrija, b'mod li jinforma lis-servizzi klimatiċi u jappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet;

(d) L-għajnuna lill-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-identifikazzjoni ta' prattiki ta' adattament, ħtiġijiet ta' adattament, prijoritajiet, appoġġ effettiv mogħti u rċevut għall-azzjonijiet u sforzi ta' adattament, u sfidi u lakuni, b'mod li jkun konsistenti mal-inkoraġġiment ta' prattiki tajba; kif ukoll

(e) It-titjib tal-effettività u d-durabbiltà tal-azzjonijiet ta' adattament.

8. L-organizzazzjonijiet u l-aġenziji speċjalizzati tan-Nazzjonijiet Uniti huma mħeġġa sabiex jappoġġjaw l-isforzi tal-Partijiet biex jimplimentaw l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

9. Kull Parti għandha, kif xieraq, tinvolvi ruħha fi proċessi ta' ppjanar għall-adattament u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet, inkluż l-iżvilupp jew it-titjib ta' pjanijiet, politiki u/jew kontribuzzjonijiet rilevanti, li jistgħu jinkludu:

(a) L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta’ adattament, impenji u/jew sforzi;

(b) Il-proċess biex jitfasslu u jiġu implimentanti pjanijiet ta’ adattament nazzjonali;

(c) Il-valutazzjoni tal-impatti tat-tibdil fil-klima u l-vulnerabbiltà, bil-għan li jitfasslu azzjonijiet prijoritizzati stabbiliti fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-persuni vulnerabbli, il-postijiet u l-ekosistemi;

(d) Il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-lezzjonijiet mill-pjanijiet, il-politiki, il-programmi u l-azzjonijiet ta' adattament; kif ukoll

(e) Il-bini tar-reżiljenza tas-sistemi soċjoekonomiċi u ekoloġiċi, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni ekonomika u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali.

10. Kull Parti għandha, kif xieraq, tissottometti u taġġorna perjodikament komunikazzjoni ta' adattament, li tista' tinkludi l-prijoritajiet, il-ħtiġijiet ta' implimentazzjoni u ta’ appoġġ, il-pjanijiet u l-azzjonijiet tagħha, mingħajr ma toħloq ebda piż addizzjonali għal Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw.

11. Il-komunikazzjoni ta' adattament imsemmija fil-paragrafu 10 ta’ dan l-Artikolu għandha tkun, kif xieraq, sottomessa u aġġornata perjodikament, bħala komponent jew flimkien ma’ komunikazzjonijiet jew dokumenti oħra, inkluż pjan ta’ adattament nazzjonali, b’kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2, u/jew komunikazzjoni nazzjonali.

12. Il-komunikazzjonijiet ta' adattament imsemmija fil-paragrafu 10 ta’ dan l-Artikolu għandhom jitniżżlu f’reġistru pubbliku miżmum mis-segretarjat.

13. Għandu jingħata appoġġ kontinwu u msaħħaħ lill-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 7, 9, 10 u 11 ta’ dan l-Artikolu, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 9, 10 u 11.

14. Il-bilanċ globali msemmi fl-Artikolu 14 għandu, fost l-oħrajn:

(a) Jirrikonoxxi l-isforzi ta' adattament tal-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw;

(b) Itejjeb l-implimentazzjoni tal-azzjoni ta’ adattament billi jqis il-komunikazzjoni ta' adattament imsemmija fil-paragrafu 10 ta’ dan l-Artikolu;

(c) Jirrevedi l-adegwatezza u l-effikaċja tal-adattament u l-appoġġ mogħti għall-adattament; kif ukoll

(d) Jirrevedi l-progress ġenerali li sar fil-kisba tal-għan globali b'rabta mal-adattament imsemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu.

Artikolu 8

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, inklużi avvenimenti ta’ temp estrem u avvenimenti li jevolvu bil-mod, u r-rwol tal-iżvilupp sostenibbli sabiex jitnaqqas ir-riskju ta’ telf u ħsara.

2. Il-Mekkaniżmu Internazzjonali ta' Varsavja għal Telf u Ħsara assoċjati mal-Impatti tat-Tibdil fil-Klima għandu jkun soġġett għall-awtorità u l-gwida tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim u jista' jittejjeb u jissaħħaħ, kif stabbilit fil-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-fehim, l-azzjoni u l-appoġġ, saħansitra permezz tal-Mekkaniżmu Internazzjonali ta’ Varsavja kif xieraq, fuq bażi ta' kooperazzjoni u faċilitattiva fir-rigward tat-telf u l-ħsara assoċjata mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima.

4. Għaldaqstant, l-oqsma ta’ kooperazzjoni u ta' faċilitazzjoni biex jitjiebu l-fehim, l-azzjoni u l-appoġġ jistgħu jinkludu:

(a) Sistemi ta’ twissija bikrija;

(b) Thejjija għall-emerġenzi;

(c) Avvenimenti li jevolvu bil-mod;

(d) Avvenimenti li jistgħu jinvolvu telf u ħsara irriversibbli u permanenti;

(e) Valutazzjoni u ġestjoni komprensiva tar-riskju;

(f) Faċilitajiet ta' assigurazzjoni tar-riskju, kondiviżjoni tar-riskji klimatiċi, u soluzzjonijiet ta' assigurazzjoni oħra;

(g) Telf mhux ekonomiku; kif ukoll

(h) Reżiljenza tal-komunitajiet, l-għajxien u l-ekosistemi.

5. Il-Mekkaniżmu Internazzjonali ta’ Varsavja għandu jikkollabora mal-korpi eżistenti u l-gruppi tal-esperti skont il-Ftehim, kif ukoll organizzazzjonijiet rilevanti u korpi esperti barra mill-Ftehim.

Artikolu 9

1. Il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi żviluppati għandhom jipprovdu riżorsi finanzjarji sabiex jgħinu lill-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rigward kemm tal-mitigazzjoni kif ukoll tal-adattament b’kontinwazzjoni tal-obbligi eżistenti tagħhom skont il-Konvenzjoni.

2. Partijiet oħra huma mħeġġa biex jipprovdu jew ikomplu jipprovdu tali appoġġ fuq bażi volontarja.

3. Bħala parti minn sforz globali, il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi żviluppati għandhom ikomplu jmexxu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjamenti għall-klima minn firxa wiesgħa ta’ sorsi, strumenti u mezzi, filwaqt li jinnotaw ir-rwol sinifikanti tal-fondi pubbliċi, permezz ta’ varjetà ta’ azzjonijiet, inkluż l-appoġġ għal strateġiji mmexxija mill-pajjiżi, u filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet ta’ Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw. Tali mobilizzazzjoni ta’ finanzjament għall-klima għandha tirrappreżenta progressjoni lil hinn mill-isforzi preċedenti.

4. Il-provvista ta’ riżorsi finanzjarji fuq skala akbar għandha l-għan li tikseb bilanċ bejn l-adattament u l-mitigazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-istrateġiji mmexxija mill-pajjiżi, u l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet ta’ partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u għandhom limiti sinifikanti fil-kapaċità, bħall-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, filwaqt li tiġi kkusidrata l-ħtieġa ta' riżorsi pubbliċi u dawk ibbażati fuq l-għotijiet għall-adattament.

5. Il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi żviluppati għandhom kull sentejn jikkomunikaw informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva indikattiva relatata mal-paragrafi 1 u 3 ta’ dan l-Artikolu, kif applikabbli, inkluż, skont id-disponibbiltà, il-livelli mbassra ta’ riżorsi finanzjarji pubbliċi li għandhom jiġu pprovduti lil Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw. Partijiet oħra li jipprovdu riżorsi huma mħeġġa li jikkomunikaw kull sentejn din l-informazzjoni fuq bażi volontarja.

6. Il-bilanċ globali msemmi fl-Artikolu 14 għandu jqis l-informazzjoni rilevanti pprovduta minn Partijiet li ġejjin minn pajjiżi żviluppati u/jew mill-korpi tal-Ftehim dwar l-isforzi relatati ma’ finanzjamenti għall-klima.

7. Il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi żviluppati għandhom jipprovdu informazzjoni trasparenti u konsistenti dwar l-appoġġ għall-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi żviluppati u mobilizzati permezz ta’ interventi pubbliċi kull sentejn skont il-modalitajiet, il-proċeduri u l-linji gwida li għandhom jiġu adottati mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim, fl-

ewwel sessjoni tagħha, kif stipulat fl-Artikolu 13, il-paragrafu 13. Partijiet oħra huma mħeġġa biex jagħmlu dan.

8. Il-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-Konvenzjoni, inklużi l-entitajiet operattivi tiegħu, għandu jservi bħala l-mekkaniżmu finanzjarju ta' dan il-Ftehim.

9. L-istituzzjonijiet li jservu dan il-Ftehim, inklużi entitajiet operattivi tal-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-Konvenzjoni, għandu jkollhom l-għan li jiżguraw aċċess effiċjenti għar-riżorsi finanzjarji permezz ta' proċeduri ta' approvazzjoni simplifikati u appoġġ fil-pront imtejjeb għal Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, fil-kuntest tal-istrateġiji u l-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-klima.

Artikolu 10

1. Il-Partijiet jikkondividu viżjoni fit-tul dwar l-importanza li jwettqu bis-sħiħ l-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija sabiex itejbu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.

2. Il-Partijiet, filwaqt li jqisu l-importanza tat-teknoloġija għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament skont dan il-Ftehim u jirrikonoxxu l-isforzi ta' użu u tixrid tat-teknoloġija eżistenti, għandhom isaħħu l-azzjoni kooperattiva fir-rigward tal-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija.

3. Il-Mekkaniżmu tat-Teknoloġija stabbilit skont il-Konvenzjoni għandu jservi dan il-Ftehim.

4. B'dan qiegħed jiġi stabbilit qafas teknoloġiku biex jipprovdi gwida ġenerali għall-ħidma tal-Mekkaniżmu tat-Teknoloġija fil-promozzjoni u fl-iffaċilitar ta' azzjoni mtejba fir-rigward tal-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija, sabiex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, skont il-viżjoni fit-tul imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. L-aċċellerazzjoni, l-inkorraġġiment u l-iffaċilitar tal-innovazzjoni huma essenzjali għal rispons globali, effettiv u fit-tul għat-tibdil fil-klima u għall-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku u żvilupp sostenibbli. Tali sforz għandu, kif xieraq, jiġi appoġġjat, inkluż permezz tal-Mekkaniżmu tat-Teknoloġija u, permezz ta' mezzi finanzjarji, permezz tal-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-Konvenzjoni, għal approċċi kollaborattivi għar-riċerka u l-iżvilupp, u jiffaċilita l-aċċess għat-teknoloġija, b'mod partikolari fl-istadji bikrija taċ-ċiklu tat-teknoloġija, għall-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw.

6. Għandu jiġi pprovdut appoġġ, inkluż appoġġ finanzjarju, lil Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, inkluż għat-tisħiħ tal-azzjoni ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija fi stadji differenti taċ-ċiklu tat-teknoloġija, bil-għan li jinkiseb bilanċ bejn l-appoġġ għall-mitigazzjoni u l-adattament. Il-bilanċ globali msemmi fl-Artikolu 14 għandu jqis l-informazzjoni disponibbli dwar l-isforzi relatati mal-appoġġ fl-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija għal Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Artikolu 11

1. Il-bini tal-kapaċità skont dan il-Ftehim għandu jtejjeb il-kapaċità u l-abbiltà tal-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-pajjiżi bl-anqas kapaċità, bħall-pajjiżi l-anqas żviluppati, u dawk li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, bħalma huma l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, sabiex jieħdu azzjoni effettiva għat-tibdil fil-klima, inkluż, fost l-oħrajn, li jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' adattament u mitigazzjoni, u għandu jiffaċilita l-iżvilupp tat-teknoloġija, it-tixrid u l-użu, l-aċċess għall-finanzjament għall-klima, aspetti rilevanti ta' edukazzjoni, taħriġ u sensibilizzazzjoni pubblika, u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni trasparenti, f'waqtha u preċiża.

2. Il-bini tal-kapaċità għandu jkun immexxi mill-pajjiżi, ibbażat fuq il-ħtiġijiet nazzjonali u li jirrispondi għalihom, u jippromwovi s-sjieda ta' pajjiż min-naħa tal-Partijiet, b'mod partikolari għall-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw,

inkluż fil-livelli nazzjonali, subnazzjonali u lokali. Il-bini tal-kapaċità għandu jkun immexxi mit-taħglimiet meħuda, inklużi dawk mill-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità skont il-Konvenzjoni u għandu jkun proċess effettiv u interattiv li huwa parteċipatorju, trażversali u li jirrispondi għall-ġeneru.

3. Il-Partijiet kollha għandhom jikkooperaw biex isaħħu l-kapaċità tal-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jimplimentaw dan il-Ftehim. Il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi żviluppati għandhom isaħħu l-appoġġ għall-azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità f'Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw.

4. Il-Partijiet kollha li jsaħħu l-kapaċità tal-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi qed jiżviluppaw biex jimplimentaw dan il-Ftehim, inkluż permezz ta' approċċi reġjonali, bilaterali u multilaterali, għandhom jikkomunikaw regolarment dwar dawn l-azzjonijiet jew il-miżuri dwar il-bini tal-kapaċità. Il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jikkomunikaw regolarment il-progress li jkun qed isir fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' bini tal-kapaċità, politiki, azzjonijiet jew miżuri biex jimplimentaw dan il-Ftehim.

5. L-attivitajiet li jibnu l-kapaċità istituzzjonali għandhom jissaħħu permezz ta' arranġamenti istituzzjonali xierqa biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, inklużi l-arranġamenti istituzzjonali xierqa stabbiliti skont il-Konvenzjoni li jservu dan il-Ftehim. Fl-ewwel sessjoni tagħha, il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim, għandha tikkunsidra u tadotta deċiżjoni dwar l-arranġamenti istituzzjonali inizjali għall-bini tal-kapaċità.

Artikolu 12

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jieħdu miżuri, kif xieraq, sabiex isaħħu t-tibdil fil-klima l-edukazzjoni, it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni pubblika, il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni, u jirrikonoxxu l-importanza ta' dawn il-passi fir-rigward tat-tisħiħ tal-azzjonijiet skont dan il-Ftehim.

Artikolu 13

1. Sabiex tinbena fiduċja reċiproka u sabiex tiġi promossa implimentazzjoni effettiva, b'dan qiegħed jiġi stabbilit qafas ta' trasparenza mtejba għall-azzjoni u l-appoġġ, bi flessibbiltà inkorporata li tqis il-kapaċitajiet differenti tal-Partijiet u tibni fuq esperjenza kollettiva.

2. Il-qafas ta' trasparenza għandu jipprovdi flessibbiltà fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għal dawk il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw li għandhom bżonnha fid-dawl tal-kapaċitajiet tagħhom. Il-modalitajiet, il-proċeduri u l-linji gwida msemmija fil-paragrafu 13 ta' dan l-Artikolu għandhom jirriflettuha din il-flessibbiltà.

3. Il-qafas ta' trasparenza għandu jibni fuq u jsaħħaħ l-arranġamenti ta' trasparenza skont il-Konvenzjoni, filwaqt li jirrikonoxxi ċ-ċirkostanzi speċjali tal-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-Istati ġżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, u jiġi implimentati b'mod li jiffaċilita, mhux punittiv u mhux intrużiv, li jħares is-sovranità nazzjonali, u jevita li jgħabbi piż żejjed fuq il-Partijiet.

4. L-arranġamenti ta' trasparenza skont il-Konvenzjoni, inklużi komunikazzjonijiet nazzjonali, rapporti ta' kull sentejn, rapporti ta' aġġornament ta' kull sentejn, valutazzjoni u reviżjoni internazzjonali u konsultazzjoni u analiżi internazzjonali, għandhom jifformaw parti mill-esperjenza li tintuża għall-iżvilupp tal-modalitajiet, il-proċeduri u l-linji gwida skont il-paragrafu 13 ta' dan l-Artikolu.

5. L-għan tal-qafas għat-trasparenza tal-azzjoni huwa li jipprovdi fehim ċar tal-azzjoni ta' tibdil fil-klima fid-dawl tal-objettiv tal-Konvenzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 2, inklużi ċ-ċarezza u l-ittraċċar tal-progess għall-ilħuq tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 4, u l-azzjonijiet ta'

adattament tal-Partijiet skont l-Artikolu 7, inkluż prassi tajba, il-prijoritajiet, il-ħtiġijiet u l-lakuni, biex jiġi informat il-bilanċ globali skont l-Artikolu 14.

6. L-għan tal-qafas għat-trasparenza tal-appoġġ huwa li jipprovdi ċarezza dwar l-appoġġ ipprovdut u riċevut minn Partijiet individwali rilevanti fil-kuntest ta' azzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima skont l-Artikoli 4, 7, 9, 10 u 11, u, sa fejn ikun possibbli, jagħti ħarsa ġenerali sħiħa lejn l-appoġġ finanzjarju aggregat ipprovdut, biex jiġi informat il-bilanċ globali skont l-Artikolu 14.

7. Kull Parti għandha tipprovdi regolarment l-informazzjoni li ġejja:

(a) Rapport ta' inventarju nazzjonali ta' emissjonijiet antropoġeniċi skont is-sorsi u l-assorbimenti minn bjar ta' gassijiet b'effett ta' serra, ippreparat permezz ta' metodoloġiji ta' prattika tajba aċċettati mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima u li ntlaħaq qbil dwaru fil-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim; kif ukoll

(b) L-informazzjoni meħtieġa biex jiġi segwit il-progress li sar fl-implimentazzjoni u l-ksib tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tiegħu skont l-Artikolu 4.

8. Kull Parti għandha tipprovdi wkoll informazzjoni relatata mal-impatti u l-adattament għat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 7, kif xieraq.

9. Il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi żviluppati u Partijiet oħra li jipprovdu appoġġ finanzjarju għandhom, jipprovdu informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju, għat-trasferiment tat-teknoloġiji u għall-bini tal-kapaċità pprovdut lill-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-Artikoli 9, 10 u 11.

10. Il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju, għat-trasferiment tat-teknoloġija u għall-bini tal-kapaċità meħtieġa u rċevuti skont l-Artikoli 9, 10 u 11.

11. L-informazzjoni sottomessa minn kull Parti skont il-paragrafi 7 u 9 ta' dan l-Artikolu għandha tkun soġġetta għal reviżjoni minn esperti tekniċi, skont id-Deċiżjoni 1/CP.21. Għal dawk il-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw li għandhom bżonnha fid-dawl tal-kapaċitajiet tagħhom, il-proċess ta' reviżjoni għandu jinkludi assistenza biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' tisħiħ tal-kapaċità. Barra minn hekk, kull Parti għandha tipparteċipa b'mod multilaterali u li jiffaċilita l-progress fir-rigward tal-isforzi skont l-Artikolu 9, u l-implimentazzjoni u l-ilħuq rispettivi tagħha tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tagħha.

12. Ir-reviżjoni ta' espert tekniku skont dan il-paragrafu għandha tikkunsidra l-appoġġ mogħti mill-Parti, kif rilevanti, u l-implimentazzjoni u l-kontribut tagħha għall-kisba tal-kontribuzzjoni stabbilita fil-livell nazzjonali tagħha. Ir-reviżjoni għandha tidentifika wkoll oqsma ta' titjib għall-Parti, u tinkludi reviżjoni tal-konsistenza tal-informazzjoni mal-modalitajiet, il-proċeduri u l-linji gwida msemmija fil-paragrafu 13 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tqis il-flessibbiltà mogħtija lill-Parti skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Ir-reviżjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-kapaċitajiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali rispettivi tal-Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw.

13. Fl-ewwel sessjoni tagħha, il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim, għandha tibni fuq l-esperjenza mill-arranġamenti relatati mat-trasparenza skont il-Konvenzjoni, u telabora fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, tadotta modalitajiet, proċeduri u linji gwida komuni, kif xieraq, għat-trasparenza tal-azzjoni u l-appoġġ.

14. Tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

15. Għandu jingħata wkoll appoġġ għall-bini ta' kapaċità relatat mat-trasparenza ta' Partijiet li ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw fuq bażi kontinwa.

Artikolu 14

1. Il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim għandha perjodikament tevalwa l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim biex tivvaluta l-progress kollettiv għall-ilħuq tal-għan ta' dan il-Ftehim u l-miri fit-tul tiegħu (imsejħa l-"bilanċ globali"). Din għandha tagħmel dan b'mod komprensiv u li jiffaċilita, filwaqt li tikkunsidra l-mitigazzjoni, l-adattament u l-mezzi ta' implimentazzjoni u appoġġ, u fid-dawl tal-ekwità u l-aqwa xjenza disponibbli.

2. Il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim għandha tagħmel l-ewwel bilanċ globali tagħha fl-2023, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.

3. Ir-riżultat tal-bilanċ globali għandu jinforma lill-Partijiet fl-aġġornament u t-titjib, b'mod stabbilit fil-livell nazzjonali, tal-azzjonijiet u tal-appoġġ tagħhom skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim, kif ukoll fit-titjib tal-kooperazzjoni internazzjonali għal azzjoni favur il-klima.

Artikolu 15

1. B'dan qiegħed jiġi stabbilit mekkaniżmu li jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u jippromwovi l-konformità magħhom.

2. Il-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jikkonsisti minn kumitat li għandu jkun ta' natura li tiffaċilita u bbażata fuq kompetenza u jaħdem b'mod li huwa trasparenti, mhux kontradittorju u mhux punittiv. Il-Kumitat għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-kapaċitajiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali rispettivi tal-Partijiet.

3. Il-Kumitat għandu jopera, skont il-modalitajiet u l-proċeduri adottati mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim fl-ewwel sessjoni tagħha u kull sena tirrapporta lill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.

Artikolu 16

1. Il-Konferenza tal-Partijiet, il-korp suprem tal-Konvenzjoni, għandha sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet għall-Konvenzjoni li mhumiex Partijiet għal dan il-Ftehim jistgħu jipparteċipaw bħala osservaturi fil-proċeduri ta' kull sezzjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim. Meta l-Konferenza tal-Partijiet isservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim, id-deċiżjonijiet skont dan il-Ftehim għandhom jittieħdu biss minn dawk li huma Partijiet għal dan il-Ftehim.

3. Meta l-Konferenza tal-Partijiet isservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim, kull membru tal-Bureau tal-Konferenza tal-Partijiet li jirrappreżentaw Parti għall-Konvenzjoni iżda li, f'dak il-waqt, ma jkunx Parti għal dan il-Ftehim, għandu jiġi sostitwit b'membru addizzjonali li għandu jkun elett minn u fost il-Partijiet għal dan il-Ftehim.

4. Il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim għandha żżomm taħt reviżjoni regolari l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u, skont il-mandat tagħha, għandha tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tiegħu. Għandha taqdi l-funzjonijiet assenjati lilha b'dan il-Ftehim u għandha:

(a) Tistabbilixxi dawk il-korpi sussidjarji li jitqiesu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim; kif ukoll

(b) Taqdi funzjonijiet oħra bħal dawn li jistgħu jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

5. Ir-regoli ta' proċedura tal-Konferenza tal-Partijiet u l-proċeduri finanzjarji applikati skont il-Konvenzjoni għandhom jiġu applikati *mutatis mutandis* skont dan il-Ftehim, ħlief fejn ikun deċiż mod ieħor b'kunsens mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.

6. L-ewwel sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim għandha tissejjaħ mis-segretarjat flimkien mal-ewwel sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li tkun skedata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Is-sessjonijiet ordinarji sussegwenti tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim għandhom isiru flimkien mas-sessjonijiet ordinarji tal-Konferenza tal-Partijiet, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.

7. Sessjonijiet straordinarji tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim għandhom jiġu organizzati fi żminijiet oħra kif jitqies meħtieġ mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim, jew fuq talba bil-miktub minn kull Parti, sakemm, fi żmien sitt xhur minn meta tiġi kkomunikata t-talba lill-Partijiet mis-segretarjat, tkun appoġġjata minn tal-anqas terz tal-Partijiet.

8. In-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika, kif ukoll kull Stat Membru jew osservatur tagħhom li ma jkunux parti għall-Konvenzjoni, jistgħu jiġu rappreżentati f'sessjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim bħala osservaturi. Kull korp jew aġenzija, kemm jekk nazzjonali kif ukoll jekk internazzjonali, governattiva jew mhux governattiva, li tkun kwalifikata fi kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim u li tkun informat lis-Segretarjat bix-xewqa tagħha li tkun rappreżentata f'sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim bħala osservatur, tista' tiġi hekk ammessa sakemm tal-anqas terz mill-Partijiet preżenti ma joġġezzjonawx. L-ammissjoni u l-parteċipazzjoni ta' osservaturi għandhom ikunu soġġetti għar-regoli ta' proċedura msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 17

1. Is-segretarjat stabbilit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għandu jservi bħala s-segretarjat ta' dan il-Ftehim.

2. L-Artikolu 8, il-paragrafu 2, tal-Konvenzjoni dwar il-funzjonijiet tas-segretarjat u l-Artikolu 8, il-paragrafu 3, tal-Konvenzjoni dwar l-arranġamenti magħmula għall-funzjonament tas-segretarjat għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan il-Ftehim. Barra minn hekk, is-segretarjat għandu jwettaq il-funzjonijiet assenjati lilu skont dan il-Ftehim u mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.

Artikolu 18

1. Il-Korp Sussidjarju għall-Konsulenza Xjentifika u Teknoloġika u l-Korp Sussidjarju għall-Implimentazzjoni stabbiliti bl-Artikoli 9 u 10 tal-Konvenzjoni għandhom iservu, rispettivament, bħala l-Korp Sussidjarju għall-Konsulenza Xjentifika u Teknoloġika u l-Korp Sussidjarju għall-Implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-funzjonament ta' dawn iż-żewġ korpi għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan il-Ftehim. Is-sessjonijiet tal-laqgħat tal-Korp Sussidjarju għall-Konsulenza Xjentifika u Teknoloġika u l-Korp Sussidjarju għall-Implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu organizzati flimkien mal-laqgħat ta', rispettivament, il-Korp Sussidjarju għall-Konsulenza Xjentifika u Teknoloġika u l-Korp Sussidjarju għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.

2. Il-Partijiet għall-Konvenzjoni li mhumiex Partijiet għal dan il-Ftehim għandhom jipparteċipaw bħala osservaturi fil-proċeduri ta' kull sessjoni tal-korpi sussidjarji. Meta l-korpi

sussidarji jservu bħala l-korpi sussidjarji ta' dan il-Ftehim, id-deċiżjonijiet skont dan il-Ftehim għandhom jittieħdu biss mill-Partijiet għal dan il-Ftehim.

3. Meta l-korpi sussidjarji stabbiliti bl-Artikoli 9 u 10 tal-Konvenzjoni jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'rabta ma' kwistjonijiet li jikkonċernaw dan il-Ftehim, kull Membru tal-bureaux ta' dawk il-korpi sussidjarji li jirrappreżenta Parti għall-Konvenzjoni iżda li, f'dak il-waqt, ma jkunx Parti għal dan il-Ftehim, għandu jiġi sostitwit b'membru addizzjonali li jkun elett minn u fost il-Partijiet għal dan il-Ftehim.

Artikolu 19

1. Korpi sussidjarji jew arranġamenti istituzzjonali oħra stabbiliti minn jew skont il-Konvenzjoni, ħlief dawk imsemmija f'dan il-Ftehim, għandhom iservu għal dan il-Ftehim b'deċiżjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim. Il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim għandha tispeċifika l-funzjonijiet li għandhom iwettqu dawk il-korpi sussidjarji jew arranġamenti.

2. Il-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għal dan il-Ftehim tista' tipprovdi gwida addizzjonali lil dawk il-korpi sussidjarji u arranġamenti istituzzjonali.

Artikolu 20

1. Dan il-Ftehim għandu jkun miftuħ għall-firma u jkun soġġett għar-ratifikazzjoni, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni mill-Istati u l-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali li huma Partijiet għall-Konvenzjoni. Għandu jkun miftuħ għall-firma fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti f'New York mit-22 ta' April 2016 sal-21 ta' April 2017. Minn hemm' il quddiem, dan il-Ftehim għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni mill-għada tad-data ta' għeluq għall-firma. L-istrumenti tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni għandhom jiġu ddepożitati mad-Depożitarju.

2. Kull organizzazzjoni reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika li ssir Parti għal dan il-Ftehim saħansitra jekk ebda wieħed mill-Istati Membri tagħha ma huwa Parti għandha tkun marbuta bl-obbligi kollha skont dan il-Ftehim. Fil-każ ta' organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika ma' wieħed jew aktar mill-Istati Membri li huma Partijiet għal dan il-Ftehim, l-organizzazzjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jiddeċiedu dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għat-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim. F'dawn il-każijiet, l-organizzazzjoni u l-Istati Membri mhumiex intitolati jeżerċitaw id-drittijiet skont dan il-Ftehim fl-istess ħin.

3. Fl-istrumenti tagħhom tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni, l-organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika għandhom jiddikjaraw il-firxa tal-kompetenza tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjonijiet irregolati minn dan il-Ftehim. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ukoll jinfurmaw lid-Depożitarju li min-naħa tiegħu għandu jinforma lill-Partijiet, dwar kull modifikazzjoni sostanzjali fil-firxa tal-kompetenza tagħhom.

Artikolu 21

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fit-tletin jum l-għada tad-data li fiha tal-anqas 55 Parti għall-Konvenzjoni li fit-totalità tagħhom huma responsabbli għal mill-anqas 55 fil-mija tat-total tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra jkunu ddepożitaw l-istrumenti tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni tagħhom.

2. Unikament għall-iskop limitat tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, "l-emissjonijiet globali totali ta' gassijiet b'effett ta' serra" tfisser l-ammont l-aktar aġġornat ikkomunikat fid-data jew qabel id-data tal-adozzjoni ta' dan il-Ftehim mill-Partijiet għall-Konvenzjoni.

3. Għal kull Stat jew organizzazzjoni reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika li tirratifika, taċċetta jew tapprova dan il-Ftehim jew taċċedi għalih wara li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għad-dħul fis-seħħ, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fit-tletin jum l-għada tad-data meta dan l-Istat jew din l-organizzazzjoni reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika jiddepożitaw l-istrument tagħhom tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kull strument iddepożitat minn organizzazzjoni reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika ma għandux jingħadd bħala addizzjonali għal dawk iddepożitati mill-Istati Membri tagħha.

Artikolu 22

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni dwar l-adozzjoni tal-emendi għall-Konvenzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan il-Ftehim.

Artikolu 23

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni dwar l-adozzjoni u l-emendar tal-Annessi għall-Konvenzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan il-Ftehim.

2. L-Annessi għal dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minnu u, sakemm ma jkunx espressament stipulat mod ieħor, referenza għal dan il-Ftehim tikkostitwixxi wkoll referenza għal kull Anness tiegħu. Dawn l-Annessi għandhom ikunu limitati għal listi, formoli u kull materjal ieħor ta' natura deskrittiva li huwa ta' karattru xjentifiku, tekniku, proċedurali jew amministrattiv.

Artikolu 24

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar is-soluzzjoni tat-tilwim għandhom japplikaw
mutatis mutandis għal dan il-Ftehim.

Artikolu 25

1. Kull Parti għandu jkollha vot wieħed, ħlief kif previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika, fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, għandhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw b'numru ta' voti li huwa ugwali għan-numru tal-Istati Membri tagħhom li huma Partijiet għal dan il-Ftehim. Tali organizzazzjoni ma għandhiex teżerċita d-dritt tagħha li tivvota jekk xi wieħed mill-Istati Membri tagħha jeżerċita d-dritt tiegħu, u viċi versa.

Artikolu 26

Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jkun id-Depożitarju ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 27

Ma tista' ssir ebda riżerva għal dan il-Ftehim.

Artikolu 28

1. F'kull żmien wara tliet snin mid-data li fiha dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ għal Parti, dik il-Parti tista' tirtira minn dan il-Ftehim billi tagħti notifika bil-miktub lid-Depożitarju.

2. Kull irtirar għandu jibda japplika wara li tkun għaddiet sena mid-data meta d-Depożitarju jirċievi n-notifika tal-irtirar, jew f'data aktar tard speċifikata fin-notifika tal-irtirar.

3. Għandu jitqies li ladarba Parti tirtira mill-Konvenzjoni tkun irtirat ukoll minn dan il-Ftehim.

Artikolu 29

L-oriġinal ta' dan il-Ftehim, li t-testi bl-Għarbi, biċ-Ċiniż, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bir-Russu u bl-Ispanjol tiegħu huma awtentiċi bl-istess mod, għandu jiġi depożitat għand is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

MAGĦMUL f'Pariġi dan it-tnax-il jum ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji ta' hawn taħt, debitament awtorizzati għal dan l-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.